

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Novembru 2011 —  
Sniace vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-238/09)**

“Għajjnuna mill-Istat — Ftehim dwar ir-ristrutturazzjoni ta' djun — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Obbligu ta' motivazzjoni”

1. *Proċedura — Tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet — Motiv ġdid — Kunċett (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 48(2)) (ara l-punti 31-35, 87)*
2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajjnuna mas-suq komuni — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata — Evalwazzjoni tal-kriterju tal-aġir tal-kreditur privat (Artikoli 87(1) KE u 253 KE) (ara l-punti 37, 38, 54, 67)*
3. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajjnuna mas-suq komuni — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata — Karatterizzazzjoni tal-effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri (Artikoli 87(1) KE u 253 KE) (ara l-punti 76, 77, 81)*

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/612/KE, tal-10 ta' Marzu 2009, dwar il-miżura C 5/2000 (ex NN 118/97) implimentata minn Spanja b'vantaggġ għal SNIACE SA, li tinsab f'Torrelavega, Cantabria, u li temenda d-Deċiżjoni 1999/395/KE (ĠU L 210, p. 4).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sniace, SA hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

### **Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2011 — Hartmann vs UASI (Complete)**

**(Kawża T-123/10)**

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Complete — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Raġuni — Prodotti li jikkostitwixxu grupp omoġenju — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jiddistingwu l-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)) (ara l-punti 23, 25, 29, 36)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni — Portata (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)) (ara l-punti 15-18)*